MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 628/2007

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Anthony Vassallo, iben Paul, imwieled ir-Rabat, Malta fid-9 ta’ Settembru, 1947, karta ta’ l-identita’ numru 825847(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’Ġunju, 2007, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, personalment f’ismu, jew fil-kapaċita’ tiegħu ta’ diretur tal-kumpanija Antoine Autodealer (bin-numru tar-reġistrazzjoni C26112):
1. appropoja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, is-somma ta’ aktar minn elf liri maltin (Lm1,000) għad-dannu ta’ Stephen Xuereb, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa li jsir użu minnha speċifikat;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn elf liri maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Stephen Xuereb;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' Notice of Transfer, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

4. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement għamel użu minnhom;

5. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Novembru, 2007 fejn ordnat li l-kawża terġa tiġi mismugħa minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April, 2013 fejn il-prosekuzzjoni rtirat it-tielet, ir-raba' u il-ħames akkuża miġjuba kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat illi l-parte ċivile ma għandha ebda nteress f'din il-kawża billi l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda t-tielet, ir-raba' u il-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsisdrat dwar il-piena. Illi l-imputat ħallas dak kollu dovut. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------